IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.6.2019
COM(2019) 508 final

Rakkomandazzjoni għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-Programm Nazzjonali ta’ Riforma tal-Greċja għall-2019 u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta’ Stabbiltà tal-Greċja għall-2019

MT MT

Rakkomandazzjoni għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Greċja għall-2019 u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Greċja għall-2019

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Fil-21 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li jimmarka l-bidu tas-Semestru Ewropew tal-2019 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Hija kkunsidrat kif xieraq il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklamat mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fil-21 ta' Marzu 2019. Fil-21 ta' Novembru 2018, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih identifikat lill-Greċja bħala wieħed mill-Istati Membri li għalihom se ssir analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fil-21 ta' Marzu 2019. Fid-9 ta' April 2019, il-Kunsill adotta r-rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika għaż-Żona tal-Euro ("Rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro").

1 ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.
2 ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

(2) Bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tar-rabtiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, jenħtieġ li l-Greċja tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro, kif riflessa fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) sa (2) hawn isfel. B'mod partikolari, ir-riformi f'konformità mal-impenji ta' wara l-programm u l-iffokar tal-politika ekonomika relatata mal-investiment fl-oqsma speċifikati se jgħinu biex tiġi indirizzata r-rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro.

(3) Ir-rapport tal-pajjiż għall-2019 għall-Greċja[3] ġie ppubblikat fis-27 ta' Frar 2019. Dan ivvaluta l-progress li għamlet il-Greċja lejn il-miri nazzjonali tagħha ta' Ewropa 2020. Ir-rapport inkluda wkoll analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, li r-riżultati tagħha wkoll ġew ippubblikati fis-27 ta' Frar 2019[4]. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi li l-Greċja qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi. L-iżbilanċi identifikati kienu relatati b'mod partikolari mad-dejn pubbliku għoli, il-pożizzjoni negattiva ta' investiment internazzjonali netta, is-self improduttiv għoli fuq il-karti tal-bilanċi tal-banek u r-rata tal-qgħad li għadha għolja. Barra minn hekk, ir-riformi istituzzjonali u strutturali profondi li nbdew fis-snin reċenti biex jimmodernizzaw l-ekonomija u l-Istat se jeħtieġu ħafna snin ta' implimentazzjoni sostnuta biex l-impatt tagħhom jinħass bis-sħiħ.

(4) Fis-26 ta' April 2019, il-Greċja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha għall-2019 u, fit-30 ta' April 2019, il-Programm ta' Stabbiltà tagħha għall-2019. Sabiex jitqiesu r-rabtiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess ħin.

(5) Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5], fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalihom. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika soda[6].

(6) Bħalissa l-Greċja qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u soġġetta għar-regola tranżitorja tad-dejn. Jenħtieġ ukoll li tippreserva pożizzjoni fiskali soda li tiżgura l-konformità mal-mira ta' surplus primarju stabbilita bid-Deċiżjoni (UE) 2017/1226 tat-30 ta' Ġunju 2017 ta' 3,5 % tal-PDG għall-2018 u fuq terminu medju[7]. Fir-rebbiegħa tal-2018, il-Kunsill ma ħareġ l-ebda rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż lill-Greċja fil-kuntest tas-Semestru Ewropew minħabba li, skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 472/2013[8], il-Greċja kienet eżentata f'dak iż-

[3] SWD(2019) 1007 final.
[4] COM(2019) 150 final.
[5] Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).
[6] COM(2014) 494 final.
[7] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1226 tat-30 ta' Ġunju 2017 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/544 li tapprova l-programm ta' aġġustament makroekonomiku tal-Greċja (2015/1411), ĠU L 174, 7.7.2017, p. 22.
[8] Ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew

żmien mill-monitoraġġ u mill-valutazzjoni skont is-Semestru Ewropew billi kienet soġġetta għal programm ta' aġġustament makroekonomiku. Il-qafas ta' wara l-programm għall-Greċja jinvolvi l-attivazzjoni ta' sorveljanza msaħħa flimkien mal-integrazzjoni tal-Greċja fil-qafas tas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika u soċjali, filwaqt li jimmassimizza s-sinerġiji bejn is-sorveljanza msaħħa u l-proċessi tas-Semestru Ewropew.

(7) Fil-programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2019, il-gvern qed jippjana surplus nominali ta' bejn 1,1 % u 1,7 % tal-PDG matul l-2019-2022. Il-gvern stabbilixxa l-objettiv baġitarju ta' terminu medju - bilanċ pożittiv fiskali ta' 0,25 % tal-PDG f'termini strutturali mill-2020. Abbażi tal-bilanċ strutturali rikalkulat[9], dan l-objettiv baġitarju fuq perjodu medju ta' żmien huwa ppjanat li jkun inqabeż matul il-perjodu tal-programm u l-proporzjon tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika għall-PDG huwa mistenni li jonqos gradwalment għal 153,3 % fl-2022. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-projezzjonijiet baġitarji ġie approvat minn korp indipendenti u huwa favorevoli. Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa għall-2019 tal-Kummissjoni, il-bilanċ strutturali huwa previst li jirreġistra surplus ta' 1,9% tal-PDG fl-2019 u 0,8% tal-PDG fl-2020, 'il fuq mill-objettiv baġitarju ta' terminu medju. Id-dejn gross tal-gvern huwa previst li jibqa' nieżel u jikkonforma mar-regola tad-dejn tranżizzjonali fl-2019 u mar-regola tad-dejn fl-2020. B'mod ġenerali, abbażi tal-previżjoni tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2019 u b'mod li jiġu esklużi l-miżuri l-ġodda adottati wara d-data tal-għeluq tagħha, il-Greċja kienet ipproġettata li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fl-2019 u l-2020. Bl-istess mod, il-Greċja kienet meqjusa wkoll li tikkonforma mal-mira ta' surplus primarju ta' 3,5 % tal-PDG taħt monitoraġġ fl-ambitu tal-qafas ta' sorveljanza msaħħa.

(8) Il-Programm ta' Stabbiltà u t-tbassir tar-rebbiegħa tal-2019 tal-Kummissjoni ma jinkorporawx miżuri permanenti ġodda li ġew imħabbra u adottati ftit wara d-dati rispettivi tagħhom ta' preżentazzjoni u ta' skadenza. Il-Kummissjoni tistma li l-impatt fiskali ta' dawn il-miżuri jaqbeż il-1,0 % tal-PDG fl-2019 u fis-snin ta' wara. Huwa vvalutat ukoll li l-adozzjoni ta' dawn il-miżuri l-ġodda toħloq riskju għall-mira ta' surplus primarju miftiehem, kif immonitorjat taħt il-qafas ta' sorveljanza msaħħa u stabbilit permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2017/1226 tat-30 ta' Ġunju 2017. Barra minn hekk, il-miżuri l-ġodda huma mistennija li jnaqqsu l-bilanċ strutturali, u dan iqajjem tħassib dwar l-ilħuq tal-objettiv baġitarju ta' terminu medju fl-2020. Iżda, se ssir valutazzjoni mill-ġdid fil-ħarifa tal-2019, u se tinkludi reviżjoni tal-parametru referenzjarju applikabbli għar-rata netta ta' tkabbir fl-2020. Filwaqt li d-dejn tal-amministrazzjoni pubblika huwa previst li jibqa' jonqos, jista' jkun hemm xi riskji għall-konformità mal-valur referenzjarju tat-tnaqqis tad-dejn. Dan se jkollu jiġi vvalutat mill-ġdid fil-ħarifa bħala konsegwenza ta' dawn il-miżuri li għadhom kif ġew adottati. Wara t-tlestija b'suċċess tal-programm ta' assistenza finanzjarja skont il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà, il-Greċja hija soġġetta għal qafas ta' sorveljanza ta' wara l-programm li ġie integrat fis-Semestru Ewropew u hija soġġetta għal sorveljanza msaħħa f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 472/2013. L-attivazzjoni ta' sorveljanza msaħħa għall-Greċja [10] tirrikonoxxi l-fatt li fuq terminu medju, il-

ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom, ĠU L 140, 27.5.2013, p. 1

[9] Il-bilanċ aġġustat b'mod ċikliku nett għal miżuri ta' darba u temporanji, kif ikkalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni skont il-metodoloġija miftiehma b'mod komuni

[10] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1192 tal-11 ta' Lulju 2018 dwar l-attivazzjoni ta' sorveljanza msaħħa għall-Greċja, ĠU L 211, 22.8.2018, p. 1, u d-Deċiżjoni ta'

Greċja jeħtiġilha tkompli tadotta miżuri biex tindirizza s-sorsi jew is-sorsi potenzjali ta' żbilanċi makroekonomiċi, filwaqt li timplimenta riformi strutturali biex tappoġġa tkabbir ekonomiku robust u sostenibbli. Il-Greċja ħadet impenn fil-Grupp tal-Euro tat-22 ta' Ġunju 2018 biex tkompli r-riformi ewlenin kollha adottati skont il-programm sakemm jitlestew kollha. Il-Greċja impenjat ruħha wkoll li timplimenta azzjonijiet speċifiċi relatati mal-politiki fiskali u fiskali-strutturali, mal-protezzjoni soċjali, mal-istabbiltà finanzjarja, mas-swieq tax-xogħol u tal-prodotti, mal-privatizzazzjoni u l-amministrazzjoni pubblika. Il-Greċja hija soġġetta għal rappurtar trimestrali dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-impenji tagħha taħt sorveljanza msaħħa, fejn rapport favorevoli jista', fuq bażi ta' sitt xhur, iwitti t-triq għal miżuri ta' ħelsien mid-dejn li jammonta għal 0,7 % tal-PDG fis-sena. Ir-rilaxx tal-ewwel porzjon ta' miżuri ta' dejn kontinġenti fuq il-politika b'valur ta' EUR 970 miljun ġie miftiehem mill-Grupp tal-Euro f'April 2019. It-tielet Rapport ta' Sorveljanza Msaħħa li jivvaluta l-progress tal-Greċja fl-implimentazzjoni tal-impenji tagħha ġie ppubblikat fil-5 ta' Ġunju 2019.

(9) Ir-riformi li jtejbu l-ambjent tan-negozju u tal-kwalità tal-istituzzjonijiet, b'mod partikolari l-effettività tas-sistema ġudizzjarja, irawmu r-reżiljenza ekonomika fil-Greċja, itejbu d-dixxiplina tal-pagament u jenħtieġ li jkollhom impatt sinifikanti fuq id-deċiżjonijiet ta' investiment u li jattiraw in-negozji. Minkejja titjib riċenti, is-sistema ġudizzjarja Griega għadha qed tħabbat wiċċha ma' sfidi u turi ineffiċjenzi, peress li ż-żmien biex tintlaħaq deċiżjoni huwa twil wisq u x-xogħol b'lura huwa ta' piż fuq il-produttività tal-qrati. L-azzjoni mmirata ulterjuri f'dan il-qasam hija għalhekk indispensabbli, anke biex tiffaċilita l-funzjonament bla xkiel tas-sistema finanzjarja kif ukoll biex tgħin il-ftuħ tal-potenzjal ta' investiment.

(10) Bosta snin ta' nuqqas ta' investiment wasslu għal diskrepanzi kbar fl-investiment fil-Greċja. Iż-żieda fl-investiment b'fattur li jtejjeb it-tkabbir se tkun strumentali biex tirfed it-tkabbir fit-tul u tnaqqas id-disparitajiet reġjonali. Ir-rapport tal-pajjiż identifika oqsma ta' prijorità għall-investiment mis-settur pubbliku u dak privat.

(11) Aktar investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ huwa kruċjali biex tittejjeb il-produttività u t-tkabbir inkluživ tal-Greċja fuq terminu twil u biex jiġu indirizzati l-ostakli għat-tkabbir f'setturi innovattivi. Is-sistema edukattiva Griega qed tiffaċċja diversi sfidi b'riżorsi inadegwati, awtonomija baxxa, nuqqas ta' kisbiet f'ħiliet bażiċi (inklużi dawk diġitali) u spariġġ konsistenti fil-ħiliet. Fil-livelli kollha, ir-responsabbiltà u l-monitoraġġ, li huma meħtieġa għat-titjib fil-kwalità tas-sistema edukattiva, huma fil-biċċa l-kbira neqsin. Il-promozzjoni tal-edukazzjoni u tat-taħriġ ta' kwalità u inklużivi, l-istabbiliment ta' rabtiet aktar mill-qrib bejn l-edukazzjoni u l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, it-titjib tal-attrattività tal-edukazzjoni u tat-taħriġ vokazzjonali, u ż-żieda fil-parteċipazzjoni fit-tagħlim tul il-ħajja huma importanti biex isostnu t-tkabbir sostenibbli.

(12) Is-sehem ta' dawk qiegħda fit-tul, li rrappreżenta 70 % ta' dawk qiegħda fil-Greċja fl-2018, huwa għoli ħafna, filwaqt li l-qgħad għoli fost iż-żgħażagħ u l-parteċipazzjoni baxxa tan-nisa fis-suq tax-xogħol ukoll huma kwistjoni ta' tħassib. Jenħtieġ li l-interventi jiffukaw fuq it-titjib tal-prospetti tal-impjiegi, il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, u t-trawwim ta' kundizzjonijiet għall-ħolqien tal-impjiegi. Id-djalogu soċjali effettiv u s-sħubija soċjali responsabbli fil-Greċja jistgħu jappoġġaw l-ambjent għall-implimentazzjoni u s-sjieda ta' riformi sostnuti, li jirriżultaw f'funzjonament aħjar tas-suq tax-xogħol.

Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/338 tal-20 ta' Frar 2019 dwar l-estensjoni tas-sorveljanza msaħħa għall-Greċja, ĠU L 60, 28.2.2019, p. 17.

(13) Il-Greċja hija kkaratterizzata minn inugwaljanza għolja fl-introjtu u għandha l-inqas impatt ta' trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tar-riskju tal-faqar fl-UE (15,83 % fl-2017 apparagun tal-medja tal-UE ta' 33,98 %). Jenħtieġ li l-investimenti jiffukaw fuq it-tisħiħ tal-aċċess għal servizzi soċjali inklużivi, affordabbli u ta' kwalità għolja, kif ukoll fuq l-iżvilupp ta' ċentri ta' kura matul il-ġurnata. L-appoġġ lil dawk l-aktar fil-bżonn u l-promozzjoni tal-integrazzjoni soċjali tat-tfal fir-riskju tal-faqar, tal-persuni b'diżabilità, tal-migranti u tar-refuġjati, filwaqt li tingħata attenzjoni għad-disparitajiet ġeografiċi jtejjeb l-inklużjoni soċjali fil-Greċja.

(14) Il-Greċja tat bidu għal riforma estensiva tas-sistema tal-kura tas-saħħa primarja fl-2017, li hija kruċjali biex jiġi żgurat l-aċċess u li teħtieġ investiment kontinwu permezz tal-użu ta' unitajiet lokali għall-kura tas-saħħa ('l hekk imsejħa "TOMYs").

(15) Is-sistema Griega tat-trasport qed tiffaċċja sfidi sinifikanti. Hija bbażata ħafna fuq trasport fit-toroq u tiddependi ħafna fuq iż-żejt, bil-konnessjonijiet ewlenin kollha jduru madwar ir-rotta ta' Ateni - Tessalonika. L-ispejjeż tat-trasport għadhom għoljin filwaqt li l-kwalità tas-servizz, l-istandards tas-sikurezza u l-penetrazzjoni ta' sistemi ta' trasport intelliġenti għadhom baxxi. Hemm bżonn ta' investiment ġdid biex jiżdied it-trasport multimodali u biex jiġu promossi l-integrazzjoni reġjonali u l-iżvilupp urban.

(16) It-trattament tal-iskart solidu u tal-ilma mormi urban u industrijali huwa l-qasam ewlieni li jeħtieġ investiment addizzjonali sabiex jiġu allinjati l-istandards tal-protezzjoni ambjentali tal-pajjiż mal-bqija tal-UE. Il-ġestjoni tal-iskart solidu għadha sfida strutturali ewlenija, bil-Greċja għadha tiddependi b'mod qawwi fuq ir-rimi fil-miżbliet u t-trattament mekkaniku bijoloġiku minflok tekniki aktar moderni. Barra minn hekk, il-proporzjon ta' skart muniċipali li jiġi riċiklat huwa biss madwar terz tal-medja tal-UE. L-investimenti huma meħtieġa wkoll biex jittejjeb it-trattament tal-ilma, tiġi miġġielda s-salinizzazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, u jiġu appoġġati miżuri li jipprevjenu l-għargħar u jreġġgħu lura l-fluss naturali tax-xmajjar.

(17) L-infrastrutturi sottożviluppati jżidu l-ispejjeż tal-enerġija għan-negozji u għall-unitajiet domestiċi u jiffurmaw ostaklu għall-adozzjoni tal-enerġija rinnovabbli. Hawnhekk il-Greċja qed tiffaċċja sfida partikolari bil-konnettività elettrika ta' xi gżejjer u bil-konnessjoni ma' pajjiżi ġirien. L-iżvilupp ulterjuri tal-infrastruttura kummerċjali tal-gass jkun ta' għajnuna biex jikber is-suq. Jenħtieġ li r-riforma tas-swieq tal-gass u tal-elettriku tkompli tipprova tieħu vantaġġ minn dawn l-opportunitajiet ta' infrastruttura ġdida.

(18) It-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija u tas-soċjetà għadha diffiċli, b'aċċess baxx għal netwerks tal-broadband b'veloċità għolja u ħiliet diġitali sew taħt il-medja tal-UE. Il-Greċja teħtieġ b'mod partikolari li tinvesti fit-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, anke biex tpatti għat-tnaqqis fl-investiment matul il-kriżi. Il-konnettività tal-broadband b'veloċità għolja insuffiċjenti toħloq ostakli kbar għal negozji dinamiċi orjentati lejn l-esportazzjoni. L-investiment fl-innovazzjoni u fil-ħiliet tan-nies mhuwiex biżżejjed biex tippromwovi t-tkabbir tal-produttività, u n-nuqqas ta' ħiliet diġitali fost il-popolazzjoni inġenerali qed jipprevenihom milli jsibu impjieg u jostakola l-iżvilupp ta' negozji innovattivi.

(19) L-istrateġiji mġedda ta' "speċjalizzazzjoni intelliġenti" fil-livell nazzjonali u reġjonali, u l-miżuri addizzjonali biex jiġu indirizzati d-dgħufijiet l-aktar urġenti tas-sistema tar-riċerka u tal-innovazzjoni, huma meħtieġa biex jiġi stimulat l-investiment orjentat lejn is-suq fir-riċerka u fl-iżvilupp, li għadu baxx u huwa ta' piż fuq il-potenzjal tat-tkabbir tal-Greċja. L-avvanzi fl-eċċellenza xjentifika huma mxekkla minn intensità baxxa ta'

riċerka u żvilupp pubbliku, nuqqas ta' sistema ta' finanzjament ibbażata fuq il-prestazzjoni u rabtiet dgħajfa bejn ix-xjenza u n-negozju. Jenħtieġ ukoll investiment akbar biex tingħata spinta lil-livelli baxxi ta' żvilupp teknoloġiku, rifless fl-għadd baxx ħafna ta' privattivi meta mqabbel ma' Stati Membri oħra, u biex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu.

(20) Bħala tema trasversali, l-investiment fir-riġenerazzjoni ta' żoni urbani, gżejjer u reġjuni muntanjużi nieqsa mill-kumditajiet huwa meħtieġ biex jiġi miġġieled it-telf u l-kwalità deterjorata tal-kapital fiżiku u uman tal-pajjiż matul il-kriżi ekonomika. L-iżvilupp mill-ġdid sostenibbli ta' żoni żvantaġġati u/jew deindustrijalizzati fil-konurbazzjonijiet ta' Ateni-Piraeus u ta' Tessalonika u fiċ-ċentri urbani periferali prinċipali (Patras, Heraklion, Larissa, Ioannina, Agrinion u Chalkis) huwa prijorità speċifika għal terminu ta' żmien qasir u medju. Il-prijoritajiet fit-tul jinkludu l-iżvilupp ta' attivitajiet produttivi sostenibbli, it-titjib tas-sistemi tal-mobilità u tas-sigurtà, l-effiċjenza fl-enerġija u l-enerġija rinnovabbli, il-ħarsien tal-ambjent u t-titjib tar-reżiljenza għar-riskji naturali u l-kriżijiet soċjoekonomiċi. Jenħtieġ li l-interventi jimmiraw ukoll lejn l-inklużjoni soċjali, l-integrazzjoni tal-migranti, l-akkwist ta' ħiliet biex jitnaqqas il-qgħad, u l-attivitajiet kulturali biex tiżdied l-attrazzjoni ta' żoni żvantaġġati. L-indirizzar ta' dawn l-isfidi permezz ta' strateġiji integrati ta' tiġdid urban jimmassimizza l-possibbiltajiet li jinkisbu l-aħjar riżultati ekonomiċi, soċjali u ambjentali.

(21) L-ipprogrammar tal-fondi tal-UE għall-perjodu 2021-2027 jista' jgħin biex jiġu indirizzati xi wħud min-nuqqasijiet identifikati fir-rakkomandazzjonijiet, b'mod partikolari fl-oqsma koperti mill-Anness D tar-rapport tal-pajjiż[11]. Dan jippermetti li l-Greċja tagħmel l-aħjar użu ta' dawk il-fondi fir-rigward tas-setturi identifikati, filwaqt li tqis id-disparitajiet reġjonali. It-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva għall-ġestjoni tal-Fondi huwa fattur importanti għas-suċċess tal-investiment.

(22) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2019, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Greċja u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiż tal-2019. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà għall-2019 u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2019. Hija qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Greċja, iżda wkoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni. Dan jirrifletti l-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.

(23) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà għall-2019 u huwa tal-opinjoni li l-Greċja hija mistennija tikkonforma mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

(24) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2018 u l-Programm ta' Stabbiltà għall-2018. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet minn (1) u (2) hawn taħt. Dawk ir-rakkomandazzjonijiet jikkontribwixxu wkoll għall-implimentazzjoni tal-ewwel erbgħa Rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro.

11 SWD(2019) 1007 final.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Greċja tieħu azzjoni fl-2019 u fl-2020 biex:

1. Tikseb irkupru ekonomiku sostenibbli u tindirizza l-iżbilanċi makroekonomiċi eċċessivi, billi tkompli u tlesti r-riformi f'konformità mal-impenji ta' wara l-programm mogħtija fil-Grupp tal-Euro tat-22 ta' Ġunju 2018.

2. Tiffoka l-politika ekonomika, marbuta mal-investiment, fuq it-trasport u l-loġistika sostenibbli, il-ħarsien ambjentali, l-effiċjenza enerġetika, l-enerġija rinnovabbli u l-proġetti ta' interkonnessjoni, it-teknoloġiji diġitali, ir-riċerka u l-iżvilupp, l-edukazzjoni, il-ħiliet, l-impjegabbiltà, is-saħħa, u t-tiġdid ta' żoni urbani, filwaqt li jitqiesu d-disparitajiet reġjonali u l-ħtieġa li tiġi żgurata l-inklużjoni soċjali.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President